**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Chris Pullicino)**
**(Spettur Anna Marie Xuereb)**

**Vs**

**Massimo Caruana**
**Omissis 1**
**Omissis 2**

**Kumpilazzjoni Numru: 550/17**

**Illum 4 ta' Dicembru 2017**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Omissis 1, Omissis 2 u l-imputat Massimo Caruana, ta' 31 sena, iben Edwin u Anna nee' Bezzina, mwieled H'Attard nhar it-23 ta' Jannar 1980, residenti Flat 4, Triq ir-Repubblika, Valletta w detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 91880(M) talli:

Nhar is-7 ta' Mejju ,2011 ghall-habta ta' 20:30hrs, gewwa Triq San Duminku Sliema, bil-hsieb li jikkommettu delitt, wrew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ta' serq ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' taghhom u kieku sehh kien ikun aggravat bil-vjolenza, hin, mezz u valur li jeccedi l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewo (2329.37ewro) u kien ikun sar ghad-dannu ta' Anthony Camilleri u/jew persuna/i ohra;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ghad-dannu ta' Anthony Camilleri u/jew persuna/i ohra liema hsara hija ta' aktar minn elf, mija u erbgha u sittin ewro u sebgha u sittin centezmu tal-ewro.

Lil Massimo Caruana wahdu akkuzat talli huwa rrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Lil Omissis 1 u lil Omissis 2 akkuzati wkoll talli rrendew ruhhom recedivi ai termini tal-artikoli 49, 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputati biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

1. fl-artikolu 41(1)(a), 261, 262(1)(b)(2), 263(a), 267, 269(g), 270, 276, 277(b), 278(1)(2)(3), 279(b), 280(1)(2), 281(a)(b);
2. fl-artikolu 325(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 17, 31, 49, 50 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
4. fil-konfront ta' Massimo Caruana wahdu fl-artikolu 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Mata

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-udjenza tallum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatu zmien jirrikkunsidra l-posizzjoni tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ghalhekk dawn huma sodisfacentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz, il-fedina penali tieghu u l-fatt li l-imputat qieghed jaghmel hiltu biex ma jkomplix fit-triq li kien qabad. Infatti mix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation irrizulta li l-imputat segwa l-ordnijiet moghtija tant li f'dawn l-ahhar xhur mill-urine samples mehudin dawb irrizultaw negattivi ghal sustanzi. Inoltre' l-imputat qieghed anki jattendi ghand psikjatra b'mod regolari u qieghed jiehu l-medikazzjoni li ghandu bzonn. Fil-fehma tal-ufficjal tal-probation l-imputat huwa anki idoneju ghal xoghol fil-komunita'.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 261, 262(1)(b)(2), 263(a), 267, 269(g), 270, 276, 277(b), 278(1)(2)(3), 279(b), 280(1)(2), 281(a)(b); 325(1), 17, 31, 49, 50 u 289 ilkoll tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu izda bl-applikazzjoni tal-artikoli 7, 11 u 18 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' probation ghal zmien tlett (3) snin skont il-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet moghti kontestwalment li jifforma parti integrali minn din is-sentenza u inoltre' tordna lill-hati jaghti mitt (100) siegha xoghol fil-komunita'.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza u jekk ma jottemperax ruhha ma' din is-sentenza.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole.

**Dr Josette Demicoli LL.D.**
**Magistrat**